**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 65/2014AGV**

**AB ( ID nru: 87579M)**
**Vs**
**CB ( ID nru: 657663 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 4 ta' April, 2014, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-gurnata tat-18 ta' Mejju, 2002 u minn dina l-ghaqda twieldet tifla bl-isem ta' D li llum ghandha ghaxar snin.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'ghandhiex iktar possibbli u dan minhabba htijiet imputabbli lill-intimat konvenut senjatament minhabba theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, vjolenza,

abbuzi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti u in subisidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, minhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-esponenti ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta’ Marzu, 2014 biex tkun tista’ tipprocedi f’din l-istanza; u

4. Illi t-tentattivi kollha biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu intavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat u tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament mill-konvenut intimat.

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri DB tigi fdata b’mod esklussiv f’idejn l-esponenti u tiffissa granet u hinijiiet li fihom il-konvenut intimat ghandu jkollu access ghall-minuri u dan wara li din l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-ahjar interessi tal-minuri.

3. Tiffissa mantrniment xieraq ghall-bzonnijiet tal-minuri DB u tordna lill-konvenut intimat ihallas l-istess manteniment lill-istess attrici rikorrenti, li ghandu joghla skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena.

4. Tordna li l-konvenut intimat ihallas nofs l-ispejjes inkorsi mill-attrici rikorrenti fir-rigward is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri DB.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut intimat jivversa manteniment ghall-attrici rikorrenti ghaliha nnifisha, skond il-mezzi tal-konvenut intimat, liema manteniment ghandu jigi likwidat u ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. Tiddikjara li l-konvenut intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jippercepixxi manteniment minghand l-attrici rikorrenti mara tieghu, mentri hi jibqghalha d-dritt li tesigi minghandu l-hlas ta' manteniment ghaliha.

7. Tapplika kontra l-konvenut intimat interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut intimat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

9. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

10. Tikkundanna lill-konvenut intimat jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tal-attrici rikorrenti u tordna li l-esponenti ghandha tinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

11. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti terga' tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' dak ta' E.

12. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CB datata 25 ta' April 2014 fejn espona bir-rispett:-

1. Illi paga huwa ghandu biss Euro 811.65 fix-xahar u dan kif ser jirrizulta mill-anness payslip tieghu; mmarkata bhala Dokument AA1, Dokument AA u Dokument A.

2. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti kien ighaddi €100 f'manteniment, izda dawn il-flus kienu jintuzaw mill-familja sabiex tghix u tixtri li jkun hemm bzonn matul il-gimgha meta kienu jghixu flimkien.

3. Illi l-esponenti jhallas il-loan li ghandhom il-partijiet mill-paga tieghu liema loan jammonta ghall-Euro. 194.90 fix-xahar u dan kif jirrizulta mill-anness document mahrug mill-bank li qieghed jigi mmarkat bhal Dok. AA2.

4. Illi dwar il-part time l-esponenti tissottometti li ghalkemm l-esponenti kien jahdem ftit f'gabbana li jisimha Sementa Snack Bar, huwa ma kienx baqa' jahdem hemm u din il-gabbana kienet tiftah biss fix-xhur tas-sajf u li gara kien sar raid mid-dipartiment tax-xoghol u t-tahrig u l-impjegati li ma kinux bil-ktieb kienu twaqqfu.

5. Illi r-rikorrenti tmur tnaddaf ghand diversi nies u ghandha mezzi sew biex tmantni lilha nnifisha.

6. Illi inoltre, ir-rikorrenti ghadha zghira, ghandha biss 35 sena – m’ghandha l-ebda dizabilita’, tiflah tahdem u ma hemm l-ebda impediment li jwaqqafha milli tahdem u dana peress illi anki t-tifla tal-partijiet ghandha 10 snin u mhux tifla zghira.

7. Illi din l-Onorabbli Qorti dejjem tghallimni li nisa li ghadhom ta’ eta’ zghira u m’ghandhom ebda impediment sabiex jahdmu ghandhom imantnu lilhom infushom.

8. Illi kienet ir-rikorrenti li ghar-ragunijiet li taf hi biss qabdet u ddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali tal-partijiet. Illi fil-fatt l-esponenti kien ha qatgha meta hi kienet infurmatu li mhux gejja lura u li hadet it-tifla maghha.

9. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni pacifika, qatt ma kien hemm vjolenza jew minacci jew theddid jew xi raguni li setghet waslet lir-rikorrenti sabiex titlaq mid-dar matrimonjali.

10. Illi r-rikorrenti u l-minuri ghandhom residenza fejn jabitaw u l-esponenti ghadu s’ issa ma jafx ghaliex hi ddecidiet li titlaq.

11. Illi r-rikorrenti u l-minuri ghandhom residenza fejn jabitaw u l-esponenti ghadu s’ issa ma jafx ghaliex hi ddecidiet li titlaq.

12. Illi dwar il-minuri D - l-esponenti jirrileva li hu ghandu relazzjoni tajba hafna mal-minuri tant illi hi anki torqod ghandu u tkun mieghu bhalma kienet tkun qabel ghax wara kollox l-esponenti missierha kien u jibqa’ ghal dejjem.

Ghaldaqstant, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak kollu hawn fuq surreferit l-esponenti umilment jikkontendi li:-

1) L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dana stante li ma jezistux l-estremi rikjesti mil-ligi sabiex il-kura u kustodja ma tibqax vestita f'idejn il-partijiet konguntivament.

2) Illi dwar il-manteniment ghall-minuri l-esponenti pprezenta l-FS 3 u l-payslips tieghu u kif ukoll id-dokumentazzjoni li turi d-dejn li jhallas wahdu mill-bank li mieghu l-partijiet ghandhom id-dejn, u ghalhekk minn €811 li jaqla' fix-xahar, €200 imorru dejn u jifdal biss €600 li bihom irid ighix hu u jiehu hsieb id-dar matrimonjali ghax ir-rikorrenti qabdet u abbandunata u telqet tigri ghand ommha.

3) Illi dwar it-tielet talba, dawn ghandhom jithallsu mill-partijiet flimkien f'sehmiet ugwali u r-rikorrenti ghandha turi l-ircevuti relattivi lill-esponenti u tinfurmah bi spejjes kbar li jkun hemm.

4) Illi dwar ir-raba' talba din ghandha tigi michuda u dana fuq l-istess linji li kienet iddegretat din l-Onorabbli Qorti f'diversi kawzi fejn il-fatti huwa bhal dawk tal-kawza odjerna fosthom id-digriet ricenti li nghata mill-Qorti fil-medjazzjoni fl-ismijiet Maria Christiana Falzon u Daniel Falzon fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet cahdet it-talba ghall-manteniment ghall-mart l-intimat stante li bhar-rikorrenti kienet ghandha ta' eta' zghira.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-valutazzjoni tal-fond matrimonjali tal-Perit Censu Galea.[1]

[1] Ara fol. 348 tal-process.

Rat il-valutazzjoni tal-fond matrimonjali tal-Perit David Mifsud Parker.[2]

Rat ukoll ir-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela pprezentat fit-2 ta' Ottubru, 2018.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Din il-kawza hija miexja ma' kawza ohra f'ismijiet inversi **AB vs CB Rik.Nru. 54/14** u l-istess provi li ngabru f'dik il-kawza qed jigu applikati ghal din il-kawza.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba in parte stante li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut irrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u eccessi;

ii) Tilqa' t-tieni talba b'dana li l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri darba fost il-gimgha u sleepover darba fil-weekend bejn il-Gimgha u s-Sibt jew mis-Sibt sal-Hadd b'mod alternattiv, bil-flessibilita' li tirrikjedi l-minuri stante li llum hija prattikament maggorenni kif indikat fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 54/14;

[2] Ara fol.540 tal-process.

iii) Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ €300 fix-xahar u dan jinkludi ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, liema ammont ghandu jibqa’ jithallas sakemm it-tifla tibda tahdem, taghlaq tmintax-il sena u jekk tkompli tistudja full-time sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin sena u liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja;

iv) Tichad ir-raba’ talba;

v) Tichad il-hames talba;

vi) Tichad is-sitt talba;

vii) Tichad is-seba’ talba;

viii) Tilqa’ t-tmien talba u tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni skond kif deciz fis-sentenza fl-ismijiet inversi Rik. Nru. 54/14;

ix) Tilqa’ d-disa’ talba u tinnomina lin-Nutar Ian Spiteri biex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

x) Tilqa’ l-ghaxar talba jekk ikun il-kaz;

xi) Tilqa’ l-hdax-il talba;

xii) Tilqa’ t-tnax-il talba.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**